ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> Laqgħa Urġenti Nru. 03/12**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 18 ta' April 2012**

**Ħin: Fit-3.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Sindku s-Sur Mario Cassar kien skużat.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet l-iskop li ssejħet din il-laqgħa b' urġenza hu biex jittieħdu ċertu deċiżjonijiet fir-rigward tal-manutenzjoni ta' Triq Wied l-Infern.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li f' xibka għat-triq, flimkien mas-Sindku kkalkulat spiża ta' madwar €2,200. Is-Sindku qal minnbarra x-xibka jkun hemm bżonn tnejn min-nies biex jgħinu lill-ħaddiema tal-Gvern iferrxu l-konkos għax jekk ma jsirx hekk ser intawlu ħafna.

Il-Kunsill Lokali approva li għas-spejjeż tiegħu jixtri x-xibka u jqabbad lil Victor Cini u Stephen Dimech jgħinu fit-tferrix tal-konkos.

Fir-rigward tat-taħmil tal-wied u t-tindif ta' Triq Wied l-Infern, il-Kunsill approva l-istima ta' Louis Zammit (€1,100 biex iħammel il-wied, €1,100 għat-tindif tat-triq u €247 għal kull vieġ li jdaħħal il-barriera).

Il-laqgħa ntemmet fl-4.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |